VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,848, 30 ta' Diċembru, 2011*
*Taqsima B*

---

**A.L. 502 tal-2011**

**ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)**

**Ordni ta' Standard Nazzjonali tal-2011 dwar l-Inqas Paga Nazzjonali**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Prim Ministru, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' Standard Nazzjonali tal-2011 dwar l-Inqas Paga Nazzjonali, u għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 2012.

L-inqas paga nazzjonali.

**2.** L-inqas paga nazzjonali fil-ġimgħa għal ġimgħa normali ta' xogħol għandha tkun kif ġej:

Ta' età 18-il sena u fuqhom .....................€ 158.11
Ta' età 17-il sena ............................. € 151.33
Taħt is-17-il sena ................................€ 148.49

Impjegati part-time.

**3.** L-inqas paga nazzjonali ta' impjegati part-time għandha tkun ikkalkulata pro rata bl-istess rata fis-siegħa ta' impjegat komparabbli *whole-time* li tkun tapplika skont l-inqas paga tal-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li jirregola l-Pagi rilevanti, jew f'każijiet fejn Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li jirregola l-Pagi ma tkunx tapplika, b'rata fis-siegħa li ma tkunx anqas mill-Inqas Paga Nazzjonali Standard li tkun tapplika, kif stabbilita skont l-artikolu preċedenti u diviża b'erbgħin.

Ordnijiet dwar Kunsilli tal-Pagi li jirregolaw il-Pagi.

**4.** Meta xi Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li jirregola l-Pagi jkun japplika għal xi impjegat, il-pagi li jitħallsu lil dak l-impjegat m'għandhomx ikunu anqas minn dawk stabbiliti b'dak l-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li jirregola l-Pagi, aġġustat għall-għoli tal-ħajja b'żjidiet sussegwenti ta' pagi dikjarati bħala li jkunu ġeneralment japplikaw għall-impjegati *whole-time* kollha skont l-artikolu 8 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, jew b'kull żjieda fil-pagi sussegwenti għall-għoli tal-ħajja stabbilita b'xi ordni ta' standard nazzjonali.